# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

**ONOR.IMHALLEF**
**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Illum 30 ta' Settembru 2024**

**Rik. Gur.Nru.: 266/2024 JPG**
**Kawza nru: 13**

**CF**
**Vs.**
**BF**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors CF datat 24 ta' Mejju 2024, a fol 1, li jaqra hekk:

*Illi l-kontendenti zzewgu nhar it-tlieta (3) ta' Settembru 2006 (skont kif jirrizulta mill-Att taz-Zwieg numru progressiv 1607/2006) u minn dan iz-zwieg huma kellhom zewgt itfal DL li ghandha X-il sena u DN li ghandha Y-il sena;*

*Illi l-kontendenti ilhom legalment separati b'kuntratt in atti tan-Nutar Patricia Hall mit-12 ta' Ottubru 2016, kopja legali ta' liem qed tigi hawn annessa u markata Dok "A";*

*Illi l-kontendenti ilhom jghixu mifrudin minn xulxin ghal aktar minn tmien snin u ghalhekk jissodisfaw il-kundizzjoni stabbilita fl-artikolu 66B(a) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*Illi m'hemm l-ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante li ilhom mifrudin minn dak iz-zmien u llum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin;*

*Illi inoltre, ai termini ta' klawsola 3.1 tal-kuntratt fuq imsemmi l-kontendenti m'ghandhomx dritt jitolbu manteniment minghand xulxin;*

*Illi ghar-rigward tal-ulied il-kontendenti, il-manteniment jithallas regolarment skont il-klawsola 3.2 tal-imsemmi kuntratt;*

*Illi dawn il-fatti konfermati bil-gurament fl-affidavit tar-rikorrenti hawn anness u market Dok "B"), jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghal ksib ta' divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*Ghaldaqstant umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:*

1. *Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-kontendenti billi tiddikjara li z-zwieg kuntrattat bejn il-kontendenti nhar it-tlieta (3) ta' Settembru 2006 jigu mahlul u dikjarat bhala xolt;*

2. *Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-kontendenti biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku ghal finijiet u l-effetti kollha tal-ligi.*

3. *Taghti kull provvediment ulterjuri li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa u opportuni.*

Rat illi r-rikors promotur, l-atti esebiti u d-digriet ta' din il-Qorti gew notifikati skond il-ligi;

Rat illi l-intimata dehret assistita ghas-seduta mhejjija u nformat lill-Qorti li ma hijiex qed toggezzjona ghad-divorzju u ma ghandhiex oggezzjoni li l-kawza tithalla bla taxxa bejn il-partijiet (vide fol 19);

Ezaminat ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**L-attur xehed (vide affidavit fol 12)** illi l-partijiet izzewgu nhar it-3 ta' Settembru 2006, u minn dan iz-zwieg twieldu zewgt itfal, li ghadhom minorenni. Sostna illi huma sseparaw legalment permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Patricia Hall datat nhar it-12 ta' Ottubru 2016. Xehed illi ma hemm ebda tama ta' rikonciljazzjoni u lanqas ma hemm manteniment dovut bejn il-partijiet.

**L-intimata xehdet (vide affidavit fol 20)** u kkonfermat u kkorraborat x-xhieda tal-attur.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza.***
>
> ***(… omissis)***
>
> ***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***
>
> ***(a) fil-każ li t-talba tkun qed issir miż-żewġ konjuġi flimkien, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux***

***flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sitt xhur mis-sena preċedenti:***

***Iżda fejn it-talba tkun qed issir minn konjuġi minnhom kontra l-ieħor, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sena mis-sentejn preċedenti; jew***

***(b) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti; u***

***(ċ) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(d) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ- ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:***

***Iżda wkoll għall-fini ta' dan il-paragrafu, l-manteniment ordnat mill-qorti b'sentenza ta' separazzjoni jew miftiehem bejn il-miżżewġin f'kuntratt ta' separazzjoni għandu jiġi meqjus bħala manteniment adegwat:***

***Iżda wkoll id-divorzju ppronunzjat bejn persuni miżżewġin li kienu separati b'kuntratt jew b'sentenza ma jġib ebda bidla f'dak ordnat jew miftiehem bejniethom, ħlief għall-effetti tad-divorzju li joħorġu mil-liġi.***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement ppruvat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar it-3 ta' Settembru 2006

liema zwieg jgib certifikat numru 1607/2006 (Vide certifikat taz-zwieg, fol 14). Minn dan iz-zwieg twieled tifel, illum maggiorenni.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni konsenswali, ppubblikat fl-atti tan-Nutar Dr Patricia Hall datat 12 ta' Ottubru 2016 (Vide fol 4 et seqq.). Ghalhekk jirrizulta illi l-kontendenti ilhom legalment separati ghal terminu ta' zmien li jeccedi dak rikjest mill-ligi.

Il-partijiet affermaw illi ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw r-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib certifikat numru 1607/2006 u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi nnotat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna illi l-ispejjes jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**